# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-10 ta' Gunju 2021**

**Rikors Numru : 375/2020 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**SA**

**-vs-**

**CA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' SA, datat 28 ta' Ottubru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewwget fir-Registru Pubbliku lill-intimat nhar fil-21 ta' Mejju 1998.*

2. *Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' sentenza ta separazzjoni legali tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 28 ta' Marzu 2007, l-istess Qorti (vide kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bhala Dok B).*

3. *Illi ma hemmx kwistjonijiet fir-rigward ta' manteniment jew kwistjonijiet ohra pendenti t'ebda natura bejn il-partijiet.*

4. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghall-iktar minn 13-il sena u de facto separati u ma jghixux flimkien minn ferm qabel u ma hemm l-ebda kommunikazzjoni bejn il-partijiet wisq inqas prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

5. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji riskjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

6. *Illi r-rikorrenti tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha 'T' u b'hekk tigi registrata bhala 'ST'.*

*Ghal dawn il-motivi r-rikorrenti SA titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i) *tiddikjara li z-zwieg taghha mall-intimat CA hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

ii) *tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

iii) *taghti dawk il-provvediment kollha mehtiega biex ir-rikorrenti tigi registrata b'kunjom xbubitha 'ST'.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi, ma ntavola ebda risposta. Di piu', rat il-fakolta moghtija lilu minn din il-Qorti sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu, izda dan baqa' inadempjenti. (vide fol 15);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SA** xehdet (vide affidavit fol 12) illi l-partijiet kienu zzewwgu nhar il-21 ta' Marzu 1998 u separaw permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) nhar it-28 ta' Marzu 2007. Iddikjarat illi ilhom diversi snin separati u minghajr ebda komunikazzjoni ma xulxin u dan sa mis-sena 2003. Xehdet illi hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni. Di piu' ddikjarat illi ma hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejniethom.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' Marzu 1998, liema zwieg jgib c-certifikat numru 218/1998 (vide certifikat taz-zwieg, a fol 13).

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza moghtija mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri, datata 28 ta' Marzu 2007, fl-istess ismijiet (vide sentenza Dok A, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-partiijet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 218/1998 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lil SA sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe' 'T' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**